Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-21 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Ritienne Gauci)**

**Versus**

**Omissis**
**Omissis**
**Leon Calleja**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra, Omissis, Omissis, **Leon Calleja** ta' 21 sena, iben Freda Calleja, imwieled Pieta', nhar l-20 ta' Settembru 2001 u residenti gewwa Ta' Jannara, Blk C, Flat 16, Triq il-Kan. Karmenu Pirotta Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru **382001L,** Omissis, Omissis u Omissis

Akkuzati talli:

Nhar l-24 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**Lil Omissis, Omissis, Leon Calleja, Omissis u Omissis wahedhom:**

1. F'Malta xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg, cioe' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati

b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom; liema prodotti tat-tabakk jiswew iktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37);

**Lil Omissis, Leon Calleja u Omissis wahedhom:**

2. Talli fil-lejl bejn il-15 u s-16 t'Ottubru, 2022, mill-imhazen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiz-Zona Industrijali ta' l-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommettew serq ta' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk u/jew xi oggetti ohra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-socjeta' Charles Grech & Co. Ltd. w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

**Lil Omissis, Leon Calleja u Omissis flimkien:**

18. Talli irrendew irwiehom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u fil-kaz ta' Omissis biss, ai termini ta' l-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll, b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat illi l-Ufficcjal Prosekutur rigward akkuza numru 18, rigward ir-recidiva rrilevat illi fil-kas ta' l-imputat Leon Calleja, l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss huwa applikabbli.

Rat illi l-imputat Leon Calleja irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 18, 49, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262 (1)(b), 263(a), 264(1), 265, 266(1), 267, 270, 271(g), 277(b), 279(b), 280(2), 281(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerijja** li ai termini ta' l-**Artikolu 28A** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal tlett snin (3) mill-lum.**

Illi in oltre ai termini tal-**Artikolu 28G(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog Ordni ta' Supervizzjoni fil-konfront tal-imputat ghal zmien **tlett (3) snin** mil-llum.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizzjoni, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Il-Qorti qed tordna, illi din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jigi mahtur uffijcal sorveljanti ghall-imputat.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat